

Brussell, 22 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12111/25

SOC 569
EMPL 383

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema
Ħatra tas-Sa Tuulia MUURONEN, membru għall-Finlandja, minflok is-Sa
Laura PERHEENTUPA, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Laura PERHEENTUPA, bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Finlandja).
2. Skont l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni¹, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

¹ ĠU L 141, 27.05.2011, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Finlandja nnominat lis-Sa Tuulia MUURONEN għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2026.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jagħti parir lill-Kunsill:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, kif tinsab fid-dokument 12112/25, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
